**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 100/2016**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Rodian Michael Formosa, bil-polza u bil-ligi, u l-istess Rodian Michael Formosa**

**vs**

**Raymond Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-5 ta' Frar 2016 li jghid hekk:

1. Illi fl-14 ta' Awwissu 2014 gewwa l-Mgarr, Malta, il-vettura proprjeta tal-attur Rodian Michael Formosa, bin-numru ta' registrazzjoni RDN-081 u assigurata mis-socjeta attrici, kienet involuta f'incident awtomobilistiku ma' vettura misjuqa mill-konvenut Raymond Calleja, bin-numru ta' registrazzjoni HMY-185;

2. Illi tali incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Raymond Calleja;

3. Illi b'konsegwenza tal-istess incident, is-socjeta attrici hallset lill-attrici Rodian Michael Formosa is-somma ta' ewro 20,250 rapprezentanti valur tal-vettura tieghu, u l-istess socjeta attrici zammet it-wreck, mentri l-attrici Rodian Michael Formosa hallas l-ammont ta' ewro 290 in linea ta' excess;

4. Illi l-atturi inkorrew spejjez ohra, ammontanti ghal ewro 6.90 ohra, spejjez ghar-Road Accident Report;

5. Illi ghalhekk, id-danni sofferti mill-atturi jammonta komplessivament ghal total ta' ewro 20,546.90;

6. Illi l-atturi ghandhom dritt jitolbu ghall-kumpens ghad-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza diretta tal-incident de quo li ghalih jahti esklussivament il-konvenut Raymond Calleja, u dan minghand il-konvenut;

7. Illi debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghall-hlas tad-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid il-konvenut ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1) Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Awwissu 2014 gewwa l-Imgarr bejn il-vetturi RDN-081 u HMY-185 sehh unikament b'tort imputabbli lill-konvenut Raymond Calleja;

2) Tillikwida, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' ewro 20,546.90, jew somma ohra verjuri;

3) Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2015, u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Novembru 2015, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi r-responsabilta ghall-incident stradali li sehh fl-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kontestata.
2. Illi l-incident ma sehhx bi htija ta' Raymond Calleja.
3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti u hadet konjizzjoni tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenut dwar ir-responsabilta ghall-incident izda zamm ferm il-kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni (ara fol. 56 tal-process);

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Dan hu incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Awwissu 2014 bejn l-attur Rodian Michael Formosa assikurat mas-socjeta Citadel u Raymond Calleja. Billi r-

responsabilta tal-konvenut hi ammessa din il-Qorti trid tqis biss l-likwidazzjoni tad-danni sofferti.

Jirrizulta li Rodian Formosa kellu l-vettura involuta fl-incident cioe BMW 1200 MSport bin-numru RON-081 assikurata comprehensive mis-socjeta Citadel. Il-valur assikurat kien ta' €22,500. Wara l-incident u s-survey li sar fuq il-vettura minn Natalino Agius fejn il-vettura giet dikjarata beyond economical repair, is-socjeta assikuratrici waslet fi ftehim mal-assikurat u hallsitu kumpens ta' €20,250 u giet surrogata skond il-ligi fid-drittijiet tieghu fil-waqt li zammet ir-wreck ghalkemm din ir-wreck imbieghet u s-socjeta assikurattrici irceviet is-somma ta' €2,700 ghaliha (ara fol. 34 tal-process). B'hekk hi l-fehma tal-Qorti illi l-pretensjoni tas-socjeta Citadel ghandha tkun ta' €17,550 (€20,250 - €2,700) u €6.90 ghal Road Accident Report b'kollox €17,556.90. L-attur Formosa hallas l-excess ta' €290 li ma giex risarcit ghalih u qed jippretendi rimbors tieghu.

Il-Qorti tqis illi ghal dak li jirrigwarda l-attur Formosa, l-excess imhallas hu dannu subit konsegwenza tal-habta u ghalhekk ghandu jigi risarcit ghal dan l-ammont.

Il-kwistjoni li dwar id-dannu reklamat mis-socjeta Citadel wara li hallset lil assikurat ghax hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti. Jidher bhala fatt illi ghalkemm il-vettura ta' Formosa kienet assikurata ghal valur ta' €22,500 pero s-socjeta assikuratrici hallset €20,250, minn liema somma hi gabret €2,700 mill-bejgh tar-wreck. Ma hemmx divergenza fuq il-valur tar-wreck izda hemm divergenza fuq il-pre accident value tal-vettura.

Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu. Pero hi principju iehor daqstant ekwivalenti illi ebda persuna ma ghandha tavvantagja ruhha u taghmel profit mid-dannu subit u anzi hemm l-obbligu li d-danni ghandhom fejn possibbli jigu minimizzati mill-kreditur.

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Camilleri vs Middlesea Insurace plc**, App Inf 04/05/2005, intqal:

> illi funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u tar-restawr, almenu par equivalent, tal-qaghda

> antecedenti ghall-fatt. Dan f'somma li tekwipara l-valur reali ta' l-utilitajiet mitlufa jew ta' l-oggett distrutt.

L-istess sentenza zzid tghid illi:

> Huwa kjarament desumibbli minnu illi kull konsegwenza patrimonjali negattiva ghall-attrici appellanti trid tigi kalkolata skond parametri objettivi tas-suq fil-mument tas-sinistru.

F'dan il-kaz is-survey ta' Natalino Agius, cioe dak esebit bhala Dok. D mar-rikors promotur, datat 24 ta' Settembru 20145 li zied fid-dettal fuq dak esebit mill-istess socjeta attrici bhala Dok. NA1 jistabilixxi fiz-zewg rapporti l-pre accident value tal-vettura bhala €16,500. Meta xehed quddiem il-Qorti, Natalino Agius, surveyor ta' esperjenza kbira, qal illi l-vettura kellha konsum ta' mileage anqas milli wiehed kien jistenna normalment, u kienet vettura mhix komuni ghax high end tal-marka BMW. Billi ma kellu ebda informazzjoni li seta' jipparaguna maghha qua valur fis-suq ghalkemm ghamel indagini tieghu ma' dealers f'Malta, u wara li qies dawn il-fatturi u li l-vettura kienet beyond economic repair, ikkonkluda li l-valur taghha kellu jkun ta' mhux anqas minn €16,500. Il-kliem 'mhux anqas' gie enfazizzat fix-xiehda tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-valur mhallas mill-assikurazzjoni hux eccessiv hu qies li ma kienx jasal sa dak il-valur qua stima pre accident ghalkemm meta ppruvaw ifittxu vettura simili ghal dik tal-assikurat bhala rimpjazz, ma sabux wahda.

Rinfaccjata b'dawn il-fatti l-Qorti triq tasal hi ghal konkluzzjoni ekwa u gusta. Billi s-surveyor li ghandu l-esperjenza u l-kapacita teknika u l-valutazzjoni tieghu ma gietx bl-ebda mod mxejna din il-Qorti tqis li ghandha taddottaha bhala l-valur pre accident tal-vettura. Il-Qorti zzid illi l-istess socjeta assikurata kienet taf b'dan il-valur izda ghal ragunijiet taghha u l-assikurat taghha ghazlet li tasal biex thallas valur ftot oghla meta tnaqqas il-valur tar-wreck. Dan pero ma jwassalx lil Qorti li tikkondividi l-ammont imhallas mill-assikurazzjoni izda ghandha toqghod fuq il-valur moghti mis-surveyor.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas lil assikurazzjoni il-pre accident value stabbiliet ta' €16,500 u €6.90 road accident report b'kollox €16,506.90.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tqis illi l-ewwel talba giet ezawrita bl-ammissjoni ta’ responsabilita da parti tal-konvenut, u tilqa’ t-tieni u tielet talbiet attrici f’dan is-sens billi tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici Citadel Insurance plc in linea ta’ danni s-somma ta’ €16,506.90 u lil attur Rodian Michael Formosa s-somma ta’ €290 imhallsa minnu bhala excess. L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal disghin fil-mija mill-konvenut u ghaxra fil-mija mill-attur. L-imghax hu dovut mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur